

# DETTALJI DWAR IR-REĠISTRAZZJONI

Imla l-formola u ibgħatha immedjatament, flimkien ma' ċekk ta' Lm5 indirizzat lil ***Kummissjoni Ambjent.***

Reġistrazzjoni bil-ħlas għandha tasal għand is-Segretarjat tal-Konferenza, sa mhux aktar tard mit-**3 ta' Mejju 2004** f'wieħed minn dawn l-indirizzi:


• ***Kummissjoni Ambjent***
Konferenza Nazzjonali dwar l-Ambjent u l-Knisja

Ms Odienne Magro
Segreterija Pastorali, Il-Kurja
Furjana CMR 02, Malta

Tel: 2590 6506 • Fax: 2590 6507
Email: pastoral.secretariat@maltachurch.org.mt

• ***Kummissjoni Ambjent***
Konferenza Nazzjonali dwar l-Ambjent u l-Knisja

Ms Tiziana Bartolo
c/o Dipartiment tal-Bijoloġija
Università ta' Malta, Msida MSD 06, Malta

Tel/Fax: 2134 2488
Email: tiziana.bartolo@um.edu.mt


# X'INHI L-KUMMISSJONI AMBJENT?

## *Twaqqif ta' Kummissjoni Ambjent*

Id-dokument 'Djakonija/Ġustizzja' isemmi l-ħarsien ta' l-ambjent bħala wieħed mid-disa' oqsma li jeħtieġu attenzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u jisħaq li l-ġustizzja ambjentali hija fil-qalba ta' l-interessi tagħna bħala insara.

Id-dokument 'Kultura-Soċjeta`-Knisja', ippreparat bħala riżultat tas-Sinodu Djoċesan, jidentifika fil-qosor is-sitwazzjoni ambjentali preżenti f'Malta u jipprovdi qafas sabiex minnu toħroġ it-tweġiba tal-Knisja f'Malta għal din is-sitwazzjoni. Dan id-dokument jipprovdi wkoll għat-twaqqif ta' Kummissjoni Ambjent, fi ħdan il-Kunsill Pastorali.

Għal din il-Kummissjoni, l-ambjent ifisser il-ħolqien kollu inkluż il-komponenti naturali (jiġifieri, art, ilma, arja, annimali, pjanti, eċċ) li jsawwru il-qafas għall-għejxien tal-ħlejjaq kollha inkluż il-bniedem, kif ukoll dawk il-komponenti soċjali u kulturali li jsawwru il-kwalità ta' ħajja b'mod sħiħ.

## *Għanijiet tal-Kummissjoni Ambjent*

- Li turi bl-aktar mod ċar u dirett kif ir-responsabiltajiet u l-etika lejn l-ambjent għandhom l-għeruq tagħhom fil-fidi u l-imħabba lejn il-Ħallieq u l-ħolqien Tiegħu;
- Li tfassal policy-gwida dwar l-ambjent għal min għandu responsabbiltà fl-istituzzjonijiet tal-Knisja f'Malta, kif ukoll għal kull nisrani;
- Li toffri pariri u opinjonijiet tekniċi/xjentifiċi lill-awtoritajiet tal-Knisja fuq każijiet u kwistjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent;
- Li tkattar l-għarfien, is-sensibiltà u l-edukazzjoni dwar l-ambjent fost il-livelli kollha tal-Knisja, li jinkudu l-lajċi, kif ukoll l-għaqdiet u skejjel kattoliċi, bil-għan ewlieni li kulħadd jagħraf aktar ir-responsabbiltà tiegħu bħala nisrani, lejn l-istess ambjent;
- Li tgħin sabiex dan is-sens ta' responsabbiltà lejn l-ambjent jissarraf f'inizzjattivi konkreti u prattiċi favur l-istess ambjent fid-djoċesi ta' Malta.

disinn www.outlook.coop

**Arċidjoċesi ta' Malta - Kunsill Pastorali Djoċesan - Kummissjoni Ambjent**

L-Ewwel Konferenza Nazzjonali
dwar l-Ambjent u l-Knisja

21 22 23 ta' Mejju 2004

Grand Hotel Mercure - San Antonio - Buġibba



# L-AMBJENT

## ...Dar waħda
## ...ta' Familja waħda
## ...ta' Missier wieħed


Il-Konferenza hi sponsorjata minn

APS bank

Segreterija Pastorali
Kurja ta' l-Arċisqof

MINISTRY for RURAL AFFAIRS and the ENVIRONMENT



# GĦANIJIET TAL-KONFERENZA

L-iskop ewlieni tal-konferenza hu dak li jimbeda djalogu formali dwar ir-relevanza tat-twemmin nisrani għall-kwistjonijiet ambjentali fi ħdan is-soċjetà Maltija.

Dan sa jsir billi fil-konferenza:

- jingħata tagħrif dwar il-mod kif il-Kotba Mqaddsa jħarsu lejn l-ambjent;
- jingħata tagħrif dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja dwar l-ambjent;
- tkun mistħarġa l-kontribuzzjoni tal-Knisja dwar l-ambjent f'fora internazzjonali;
- ssir riflessjoni dwar kif t-twemmin tal-Knisja dwar l-ambjent jista' jdawwal kwistjonijiet u problemi ambjentali;
- ssir promozzjoni ta' stili ta' ħajja sostenibbli fi ħdan u fl-istrutturi tal-Knisja u tas-soċjetà; u
- jitfassal l-qafas biex jinħadmu linji gwida dwar l-impenn tal-Knisja favur l-ambjent fis-soċjetà Maltija.

# PROGRAMM

## Il-Ġimgħa 21 ta' Mejju 2004

17:30 Reġistrazzjoni u Kafè ta' Merħba

18:00 *Merħba lid-delegati*
Chairperson: ***Prof Victor Axiak***
Ftuħ tal-Konferenza
***ET Ġużeppi Mercieca*** Arċisqof ta' Malta

*X'qed jistennew il-partiti politiċi mill-Knisja u x'opportunitajiet ta' kollaborazzjoni jeżistu*
Interventi minn rappreżentanti tal-partiti politiċi dwar l-ambjent

18:45 *X'jgħidu l-Kotba Mqaddsa fuq l-Ambjent?*
***Rev Prof Peter Paul Zerafa OP***

19:15 *X'inhu t-tagħlim soċjali tal-Knisja dwar l-ambjent?*
***Rev Prof Emmanuel Agius***

19:45 *Is-sehem tal-Knisja f'fora internazzjonali dwar l-ambjent* ***Rev Dr Konrad Grech SJ***

20:15 Mistoqsijiet u kummenti mill-udjenza
21:00 Għeluq

## Is-Sibt 22 ta' Mejju 2004

09.00 *Eżempji ta' stili ta' ħajja sostenibbli fi ħdan il-Knisja u fl-istrutturi tagħha*
***Fr Eric Overend u Dr Paul Pace***

09.30 *X'qed jistennew għaqdiet governattivi u mhux governattivi mill-Knisja fi kwistjonijiet ambjentali*
***Mr Vincent Caruana***

10.15 Spjega fuq x'għandu jsir fil-Working Groups
10.30 Waqfa għall-Kafè
11.00 Working Groups
12.30 Waqfa għall-Ikel
14.30 Rapporti tal-Working Groups
15.00 Sessjoni Plenarja
16.00 Għeluq tal-konferenza u Waqfa għall-Kafè

## Il-Ħadd 23 ta' Mejju 2004

09.30 *Quddiesa bit-tema: L-Ambjent*
Knisja ta' San Girgor, Żejtun
bis-sehem ta' l-ET Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

# FORMOLA TAR-REĠISTRAZZJONI

Isem ______________________

Organizazzjoni ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Lokalità ____________ Kodiċi Postali ____________

Tel ______________________

Fax ______________________

Mobile ______________________

Email ______________________

Data ____________ Firma ____________

Ħlas tar-reġistrazzjoni: Lm5
*li jinkludi d-dokumenti kollha relatati mal-konferenza, il-Waqfiet għall-Kafè u l-Ikel tas-Sibt, 22 ta' Mejju*

Data ta' l-Għeluq għar-Reġistrazzjoni:
**3 ta' Mejju 2004**

☐ Immarka hawn jekk tixtieq tirċievi aħbarijiet u informazzjoni oħra dwar attivitajiet ta' din ix-xorta fil-futur. Dan jista' jiġi mwassal lilek bil-posta jew bl-email.

*Din l-informazzjoni se tintuża mill-amministraturi tal-Konferenza sabiex tintbagħat biss korrispondenza lill-parteċipanti dwar din l-attività. Din l-informazzjoni m'hix ser tingħata lil terzi persuni għall-ebda raġuni oħra.*

*Jekk trid tista' tibgħat fotokopja ta' din il-formola*